Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur John Spiteri]
[Spettur Joseph Busuttil]
[Spettur Hubert Cini]

vs

Norman Bugeja

Kumpilazzjoni Numru: 728/2018

Illum, 4 ta' Ottubru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Norman Bugeja,** detentur tal-karta tal-identita' 447061M akkuzat talli:

-Omissis- u/jew f'dawn il-Gzejjer nhar it-18 ta' Novembru, 2018 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommetta att ta' natura sesswali minghajr il kunsens ta' -Omissis-; -Omissis-; -Omissis- u -Omissis-

   *Art. 207, Art 202(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, issoggetta lil -Omissis-, -Omissis-; -Omissis-; -Omissis- u -Omissis- ghal xi atti ta' intimita' fizika u/jew talab favuri sesswali minghand il-persuni msemmija u/jew issoggetta lil imsemmija persuni ghal xi att u, jew imgieba li kellhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u/jew ghemil, wera jew iccirkola kliem miktub, stampat, u/jew imgieba li ma kienitx mixtieqa minn imsemmija persuni, u li kienu ragonevolment ikkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u/jew intimidatorji lejhom.

   *Art. 251A(c)(d)(e), 222(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku fuq il-persuni ta -Omissis-, -Omissis-; -Omissis-; -Omissis-u -Omissis-.

   *Art. 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi bhala ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku, ghamel reat li kellu d-dmir li jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi li jsir.

   *Art. 141 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' -Omissis-, -Omissis-; -Omissis-; -Omissis-u -Omissis-.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xiraq tordna ordni ta' trattament skond Art 412D ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata dsatax (19) ta' Ottubru, 2020 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioe:-

1. Fl-artikol 207 u 202(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 251A, 251H(a), 251H(b) u 251H(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

<u>Ikkunsidrat</u>:

Illi semghet fl-ewwel seduta wara l-prezentata bl-arrest tal-imputat, lill-allegat vittmi. **-Omissis-**ta' sittax (16)-il sena li xehdet bis-sistema tal-video-conferencing qalet illi hija kienet giet Malta ftit xhur qabel ma gara l-incident fejn ghall-bidu kienet tirrisjedi d-Detention Centre u mbaghad wara giet spustata f'-Omissis-fejn din hija dar fejn jghixu subien u bniet; is-subien fis-sular ta' fuq u l-bniet fis-sular t'isfel. Hemmhekk kien hemm ukoll haddiema tad-dar u l-kordinatur tal-post. Hija qalet illi wiehed mill-haddiema kien imur fil-kamra taghha, li kienet tkun ma' tliet residenti ohra, u joffrilhom flus senjatament hamsin ewro (€50) ghal pjaciri sesswali. Hija tghid illi dan kien imur fis-sighat bikrin ta' filghodu meta kien ikun xoghol iqajjimha u jghidilha biex issegwih, ixejjer il-karta ta' hamsin ewro (€50), jghid xi haga u jurilha l-parti tieghu. Hija tghid illi gieli kien imur anke filghodu. Xi kultant kien iqajjimha billi jitfalha l-ilma go wiccha. Hija tghid illi l-imputat kien jghidilhom biex inaddfu ta' spiss anke aktar minn darba fil-gurnata ghalkemm dawn kienu diga' naddfu. Hija tghid illi qatt ma accettat l-avvanzi tieghu. Hija kkonfermat illi l-imputat kien jghajjat hafna maghhom. Hija tghid illi dan kien jaghmilha wkoll mat-tfajliet l-ohra pero' meta dawn jghidulu le huwa kien

jitlaq. Hija tghid illi darba minnhom hija kellha snienha jugghuha u bdiet tikbi fuq is-sodda u gie l-imputat u beda jikkarezzala saqajha u jmissilha wiccha mbaghad telaq 'l hemm.

**-Omissis-** tat il-verzjoni taghha permezz tal-istess sistema fejn hija qalet li kellha sittax (16)-il sena u li ghamlet rapport ghaliex l-imputat kien imur fil-kamra taghha billejl, jurilha nota ta' hamsin ewro (€50) u jurilha l-partijiet privati tieghu. Din il-haga bdiet issir mill-ewwel gimgha li waslet fid-dar xi sena qabel u b'mod regolari. Dan kien isir anke meta shabha kienu jkunu fil-kamra maghha. Ma' -Omissis- per ezempju tghid illi dan ghamilha wkoll u ratu. Hija tghid ukoll li darba minnhom hija kienet inkinata biex iggib il-hasla u mar l-imputat minn warajha u messilha l-warrani u offrilha nota ta' ghoxrin ewro (€20) biex torqod mieghu izda hi rrifjutat izda zammet il-flus sabiex ttiha lill-pulizija. Hija kkonfermat il-fatt li qalet ix-xhud qabilha li l-imputat kien iwaddab l-ilma f'wicchom. Hija qalet ukoll illi l-imputat kien l-uniku wiehed li kien jigi wahdu fil-kamra taghhom, il-bqija tal-haddiema kienu jigu f'koppja li wahda minnhom kienet tkun mara. Hija kkonfermat dak li qalet ix-xhud ta' qabilha fuq it-tindif u qalet illi kien l-imputat biss li kien joqghod jghidilhom biex inaddfu il-hin kollu, il-kumplament tal-haddiema ma kinux.

<u>**-Omissis-**</u> xehdet illi hija kellha sittax (16)-il sena meta sar l-allegat reat u hija kienet tghix fl-istess kamra mal-allegat vittmi l-ohra. Hija kienet ilha biss xi xahar u gimghatejn tghix hemmhekk meta ragel li hija gharfet lill-imputat kien jigi fil-kamra taghhom tant li kienet tahseb li hu kien il-kap ta' hemmhekk. Tghid illi dan kien tefa' xi ilma lilha u lil -Omissis- u kien jikxifhom meta kienu jkunu fis-sodda. Qalet illi darba staqsa lil -Omissis- biex ittih bewsa fuq il-warda imma din kienet qaltlu le. Meta darba wahda hija kienet fis-sodda rat lill-imputat imelles saqajn -Omissis- meta din kienet qed tikbi, fejn wara -Omissis- qaltilhom li l-imputat kien offrilha flus in kambju ta' servizzi sesswali tant li wrielha l-parti privata tieghu. Hija tghid illi hafna drabi hu kien jehdilhom il-mobile u din il-haga kien jaghmilha hu biss mhux l-impjegati l-ohra.

L-ahhar vittma kienet <u>**-Omissis-**</u> li kellha wkoll sittax-il (16) sena dak iz-zmien tal-incidenti mal-imputat. Hija tghid illi kienet taqsam il-kamra mat-tlieta (3) l-ohra fejn ikkonfermat l-incident tal-bewsa fuq wicc l-imputat. Din tghid illi din il-haga kienet grat kemm-il darba. Ikkonfermat illi l-imputat kien imur fil-kamra tas-sodda taghhom lejl jew nhar u jqajjimhom billi jikxifhom u jitfa' l-ilma fuqhom. Qalet ukoll illi wara li hu kien jaghmel hekk kien

jiqba' fil-kamra taghhom sakemm ma jarahom li qamu u li bdew il-facendi. Hija tghid illi hija kienet thossha mahsuda hafna u imbarazzata.

Ix-xhud <u>**Joseph Saliba**</u> pprezenta l-employment history tal-imputat (Dok. JS1).

<u>**-Omissis-**</u> li kienet tahdem mal-imputat -Omissis-kkonfermat li kienu jkunu tliet (3) haddiema fl-istess xift izda hija qatt ma kienet rat xejn.

<u>**-Omissis-**</u> li tahdem ukoll mal-imputat qalet illi dment li kienu jkunu mieghu huma qatt ma raw xejn irregolari izda meta kien ikun wahdu ma tafx.

L-espert <u>**Keith Cutajar**</u> li kien gie nominat sabiex jezamina c-cellulari tal-imputat li ddikjara li dan tah sinjali li kien corrupted. Huwa analizza wkoll is-sistema ta' sorveljanza installata fid--Omissis- (Dok. KC1).

<u>-Omissis-</u> li kienet ko-ordinatrici f'-Omissis- kkonfermat illi l-imputat kien jahdem hemmhekk bhala social worker u kkonfermat ukoll li t-tliet (3) vittmi kienu wkoll jirrisjedu hemmhekk.

Finalment semghet is-xhieda tal-imputat <u>Norman Bugeja</u>.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

<u>Ikkunsidrat</u>:

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b'numru ta' fatturi li ghandhom jigu ezaminati ghall-ezitu ta' dawn il-proceduri:-

1. **Jekk it-testimonjanza tal-vittmi hijiex kredibbli.**

2. **Jekk l-atti maghmula mill-imputat jaqghux taht id-dispozizzjoni tal-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 u jekk jikkostittwux fastidju ai temini tal-Artikolu 251A(c)(d)(e);**

3. **Jekk giex ippruvat illi l-imputat huwa ufficjal pubbliku;**

4. **Jekk il-post fejn sar ir-reat huwa post pubbliku;**

1. <u>Il-kredibilita' tat-testimonjanza tal-minuri</u>

Illi l-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali jghid hekk a rigward il-kredibilita' tax-xhieda:

*"L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax- xhud, u fuq din, id-decizjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix- xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz".*

Illi din il-Qorti setghet tikkonstata u tevalwa x-xhieda tal-erba' minuri li taw it-testimonjanza taghhom permezz tas-sistema awdjo viziva fejn setghet tara l-genwinita' ta' dawn ix-xhieda li l-verzjonijiet taghhom kienu pjuttost dettaljati u li fl-assjem jaqblu ma' xulxin. Illi din il-Qorti ma tikkondividix il-fehma tad-difiza meta tghid illi kien hemm hafna inezattezzi dan ghaliex kieku x-xhieda taghhom kienet perfettament ugwali kien ifisser illi dawn setghu ivvintaw l-istorja.

Din il-Qorti tifhem illi huma kienu f'pozizzjoni ta' vunnerabilita' a paragun mal-imputat li kien juri s-superjorita' tieghu bl-ghajjat u l-penitenzi specjalment meta beda jara li hadd minnhom ma kien kondixxenti ghal dak li kien jitlobhom.

Infatti huma kienu sincieri bizzejjed li jsostnu illi l-imputat kien strett hafna maghhom fejn il-haddiema l-ohra ma kinux. Dan juri haga wahda biss: illi l-imputat kien jirreagixxi b'dak il-mod meta ma kinux joqghodu ghalih.

Illi di piu' mir-rapport tal-espert Keith Cutajar u mir-ritratti esebiti tal-post juri li kien hemm numru ta' persuni fosthom l-imputat li kien jidher diehel gewwa kmamar wahdu hekk kif stqarrew il-minuri li tali fatt ma kienx eskluz mill-kollegi tal-istess imputat.

Ghaldaqstant din il-Qorti thoss illi l-verzjonijiet ta' dawn ix-xhieda ghandhom mis-sewwa.

## 2. <u>L-atti maghmula mill-imputat</u>

Illi l-aktar akkuza gravi li qed tigi addebitata lill-imputat hija dik taht l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

***" Kull min jinsab ħati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel il-piena ta' prigunerija minn tlieta sa sebgha snin."***

Illi l-Qorti tal-Appell taghna kellha okkazzjoni taghti interpretazzjoni ta' dan l-artikolu fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Oglive Grima** (deciza QA fit-30 ta' Settembru 2020):

*".... permezz tal-emendi introdotti bl-Att XIII tal-2018 dan l-element gie eradikat biex b'hekk issa l-att materjali tar-reat twessa' u dan meta illum jitqies hati kull minn jikkometti att ta' natura sesswali minghajr il-kunsens tal-vittma, bil-ligi ma toffri ebda definizzjoni ta' dak li ghandu jikkostitwixxi l-att materjali.*

*...Illi llum l-legislatur haseb sabiex darba ghal dejjem jekwipara dan l-element tal-vjolenza ma' dak tan-nuqqas*

*tal-kunsens similment ghal posizzjoni legali fil-ligi brittanika fejn kull att sesswali jew tentattiv ta' att ta' natura sesswali minghajr il-kunsens tal-vittma jammonta ghal reita'. Jinghad madanakollu illi l-gurisprudenza, mal-medda taz-zmien, xorta wahda rabtet dan l-element tal-vjolenza ma' dak fejn jonqos il-kunsens tal-vittma.*

*"L-attentat vjolent ghall-pudur, jew oltragg vjolent ghall-pudur, hu kostitwit minn dawk l-attijiet impudici kollha li jigu kommessi fuq persuna ohra kontra l-volonta' taghha li ma jammontawx ghal wiehed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dak numru 222 tal-Kodici Kriminali. Hu difficli tirraviza l- figura ta' tentattiv ta' dan ir-reat; ghax jekk l-attijiet impudici ghandhom ga bidu, l-attentat jispicca u dawk l-attijiet jirrapprezentaw vjolazzjoni ga kompleta tad-dritt attakkat, minghajr ma hemm bzonn li wiehed jara jekk il-hati rraggungiex jew le l-iskop impudiku tieghu; mentri jekk l-atti impudici ma jkollhomx bidu, allura jitqiesu biss bhala atti preparatorji, u l-attentat jisparixxi."*

*Illi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il- Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l- Vjolenza Domestika jaghti is-segwenti definizzjoni ta' dak li ghandu jikkostitwixxi vjolenza kontra n-nisa:*

*"violence against women" is understood as a violation of human rights and a form of discrimination against women and shall mean all acts of gender-based violence that result in, or are likely to result in, physical, sexual, psychological or economic harm or suffering to women, including threats of such acts, coercion or arbitrary deprivation of liberty, whether occurring in public or in private life."*

Illi ghaldaqstant huwa car u manifest l-atti maghmula mill-imputat jaqghu taht din id-dispozizzjoni u dan stante illi kif qalu t-tfajliet stess hu kien jaghmel affarijiet ta' natura sesswali billi jsaqsihom sabiex ikollhom x'jaqsmu mieghu, juri l-parti tieghu, jesigi bews fuq wiccu, jikkarezza s-saqajn u li jikxifhom meta huma kienu

jkunu reqdin. Dan kollu kien ikun aggravat bil-pozizzjoni ta' superjorita' li kellu fuqhom kif ukoll b'atti ohra li kien jaghmel biex jintimidahom aktar u aktar meta dawn kienu juruh li ma kinux iridu jaghmlu dawk l-atti.

Illi a rigward l-akkuza ta' fastidju l-akkuzat gie mixli b'dan ir-reat kif sancit taht l-Artikolu 251A(c)(d)(e) li jghid is-segwenti:

*"(1) Persuna li:*

*(a) iggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra; jew*

*(b) iggib ruhha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; jew*

*(c) tissoggetta lil persuna ohra għal xi att ta' intimità fizika; jew*

*(d) titlob favuri sesswali minghand persuna ohra; jew*

*(e) tissoggetta lil persuna ohra ghal xi att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta'*

*kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolemnt jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha,*

*tkun hatja ta' reat taht dan l-artikolu.*

*(4) Persuna misjuda hatja ta' reat taht dan l-Artikolu tista' tehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn hamest elef euro (€5,000) u mhux izjed minn ghaxart elef euro (€10,000), jew dik il-multa u prigunerija flimkien:*

*Izda l-piena ghandha tizdied bi grad wiehed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1)."*

Illi dan l-Artikolu ghandu applikabilita' pjuttost wiesa' li jinkorpora kull att jew gest ta' konnotazzjoni sesswali li seta' kien spjacevoli ghal min kien qed jissubih. Illi f'dawn il-proceduri m'hemmx dubju li l-atti maghmula mill-imputat isibu l-applikabilita' taghhom taht din id-dispozizzjoni u fejn ukoll m'hemmx dubju li l-minuri wrew l-istmerrija taghhom ghal dawn l-atti maghmulin mill-imputat.

Illi l-Qrati nostrani kellhom diversi okkazjonijiet fejn trattaw dawn it-tip ta' reati fosthom fil-proceduri bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ahmad Yassine** deciza fit-8 ta' Jannar 2020 fejn il-Qorti tal-Appell qalet is-segwenti:-

> **"Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali.**
>
> **... Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lil vittma tieghu bl-imgieba tieghu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imgieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa.."**

Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza ghat-tifsira tal-fastidju mill-gurista Blackstone fejn jghid illi:

**‘...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-**

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose*",

**...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-**

**".... f’ kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista’ tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta’ fastidju fuq periodu ta’ zmien."**

Illi jidher ghalhekk li t-test li ghandu jigi adoperat biex jigi stabbilit jekk hemmx fastidju ‘illecitu’ o meno huwa billi jigi applikat it-test oggettiv iktar milli dak soggettiv filwaqt pero’ li jittiehed qies tal-

fattispeci kollha tal-kaz u l-assjem tac-cirkostanzi kollha li setghu wasslu ghal dan il-kaz. Jinghad illi skont it-testimonjanza tal-vittmi dan l-agir tal-imputat kien ilu jsir tul l-erba' xhur precedenti ghall-arrest tieghu u tali agir kien persistenti u konsistenti u ghalhekk tali dispozizzjoni ghandha tapplika ghal kaz *de quo*.

Illi a rigward l-applikabilita' tad-dispozizzjoni tal-Artikolu 222 din ma' tistax issib applikazzjoni a bazi ta' dak li ser jinghad aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

### 3. <u>L-Imputat irid ikun Ufficjal Pubbliku</u>

L-artikolu 92 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

> *"Taħt il-frazi generali "ufficjal pubbliku" jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skont il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas- setgha esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mil-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra."*

Illi jinghad illi ghal dan l-aggravju, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova oltre' d-dubju dettat mil-ligi li l-imputat huwa ufficjal pubbliku stante li mid-dokument esebit u mmarkat bhala Dok. JS1 (fol 97) dan juri biss illi huwa jahdem mal-Agency for the Welfare of Asylum Seekers izda naqset li tipprova illi din l-Agenzija hija wahda taht id-definizzjoni ta' amministrazzjoni pubblika.

Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

> *"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna,*

*jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet <u>Pulizija vs Cyrus Engerer</u> deciza mill-Appell Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014 gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi*

*kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

Ghaldaqstant tali aggravju ma giex ippruvat.

4. <u>Post Pubbliku</u>

Illi a rigward it-tielet (3) akkuza u cioe' li l-imputat offenda l-morali f'post pubbliku jew post espost ghall-publiku ma taqbilx mal-prosekuzzjoni fejn tissottemetti li d-dar fejn saru l-atti huwa post li jaqa' taht din id-definizzjoni. Illi ghalkemm jinghad illi f'din id-dar hemm numru ta' persuni minn diversi familji izda xorta jibqa' l-fatt illi -Omissis-hija dar residenzjali fejn joqghodu biss ir-residenti u l-haddiema ta' dak il-post u ma hu bl-ebda mod post pubbliku jew espost ghall-pubbliku ingenerali fejn allura kulhadd jista' jidhol hemm liberament. Illi ghalhekk din l-akkuza ma gietx ippruvata.

Illi a rigward il-piena din il-Qorti ma thossx li ghandha tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva anke jekk l-ewwel akkuza tikkomprendi piena minn tliet (3) snin sa seba' (7) snin prigunerija u dan ghaliex il-fatti inkriminanti ma kinux ta' tali entita' li jimmeritaw prigunerija. Illi b'dan pero' li l-Qorti ma tistax timponi sentenza ta' habs sospiza l-anqas u ghalhekk thoss li l-aktar piena idoneja hija piena komunitarja flimkien ma' multa.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 207, 251A(c)(d)(e) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Norman Bugeja** hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi (mhux l-aggravju taht l-Artikolu 202 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta), u ghall-ewwel (1) akkuza tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin liema ordni qed tifforma parti integrali minn din is-sentenza, filwaqt li ghat-tieni (2) akkuza tikkundannah ghal multa ta' tmint elef ewro (€8,000) filwaqt li ma ssibux hati tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

Finalment u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghall-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri li jammontaw ghal elfejn tliet mija u erbgha u tletin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2,334.55).

Finalment ukoll a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat jitpogga fir-Registru imwaqqaf a bazi ta' dan l-Att u konsegwentement tordna kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati ghall-annotazzjoni necessarja.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

-----------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**